IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 21.5.2010
KUMM(2010)249 finali

2010/0133 (COD)

C7-0129/10

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

L-importanza tas-settur tal-agrikoltura għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali tal-Ewropa huma ġeneralment rikonoxxuti. Il-produzzjoni tal-frott u tal-inbid huwa qasam ewlieni tal-attività agrikola fl-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar stħarriġ statistiku ta' nħawi tad-dwieli[1] u d-Direttiva 2001/109/KE tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq mill-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tal-produzzjoni ta' pjantazzjonijiet ta' xi speċje ta' siġar tal-frott[2], ipprovdew għat-twaqqif ta' sistema ta' informazzjoni dwar l-aktar statistika importanti fuq l-għelejjel permanenti fil-livell Ewropew. Dawn l-atti legali għenu biex jinħolqu sistemi nazzjonali għall-ġbir ta' dejta dwar il-produzzjoni potenzjali ta' dawn l-għelejjel, mill-perspettiva tan-negozju u fir-rigward tal-karatteristiċi strutturali tal-unitajiet ta' produzzjoni. Id-disponibbiltà attwali ta' sistema ta' statistika dwar l-għelejjel permanenti fl-Unjoni Ewropea ma kinitx tkun possibli mingħajr din il-leġiżlazzjoni.

Madankollu, kemm l-utenti kif ukoll il-produtturi tad-dejta saħqu fuq il-ħtieġa ta' aġġornament. Min-naħa waħda, it-tibdil fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) u fil-qagħda tas-suq ta' dawn il-prodotti minn mindu daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni eżistenti, ħoloq ħtiġijiet ġodda jew differenti tal-utent f'termini ta' varjabbli u analiżijiet kif ukoll dejta aktar f'waqtha. Min-naħa l-oħra, għad hemm lok għal titjib tal-komparabbiltà u l-kompletezza tal-qafas billi jsir aktar biex jiġu armonizzati l-varjabbli u l-kunċetti u biex l-Istati Membri jkollhom aktar libertà li jagħżlu l-metodi u s-sorsi li jużaw, inklużi sorsi amministrattivi, biex jiġbru d-dejta bażika meħtieġa biex tiġi prodotta din l-istatistika.

- **Kuntest ġenerali**

L-għan ta' din il-proposta hu li taġġorna, tissemplifika u ttejjeb kemm tista' il-qafas legali eżistenti għall-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti billi tissostitwixxi ż-żewġ atti legali eżistenti b'att wieħed. Matul is-snin, l-Istati Membri, il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni talbu għal tibdil fil-bażi legali tal-istatistika dwar l-għelejjel permanenti.

Minn meta daħlu fis-seħħ l-atti legali eżistenti, kemm il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni (PAK) kif ukoll il-qagħda tas-suq għaddew minn tibdil konsiderevoli. B'konformità mar-rekwiżit li l-istatistika uffiċjali tkun rilevanti, jiġifieri li trid tissodisfa l-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti, il-proposta tirrevedi xi varjabbli, filwaqt li tissemplifika ferm l-analiżi tal-produzzjoni u tar-reġjuni, u tqis it-tibdil riċenti fil-kategoriji tal-inbejjed. Mill-perspettiva tal-provvista, il-proposta twieġeb għal tibdil fil-ħtiġijiet tal-utent, eż. għal dejta dwar pjantaġġuni taż-żebbuġ. Il-proposta taġġorna wkoll l-iskadenzi ta' trażmissjoni tad-dejta.

---

[1] ĠU L 54, 5.3.1979, p. 124.
[2] ĠU L 13, 16.1.2002, p. 21.

Il-proposta tissemplifika aktar il-varjabbli u l-kunċetti u tadatta b'mod konsiderevoli l-istatistika dwar l-għelejjel permanenti għall-ħtiġijiet attwali tal-utent billi tikkanċella l-istatistika annwali dwar it-tibdil fil-pjantaġġuni kif ukoll analiżi dettaljata ferm tal-produzzjoni tal-inbid. Qed titqies ukoll kif xieraq il-korrelazzjoni meħtieġa bejn il-ħtiġijiet tal-utent u l-piż fuq min iwieġeb u l-istituti nazzjonali tal-istatistika. Varjabbli jew analiżijiet ġodda huma kkumpensati b'xi rekwiżiti skont il-leġiżlazzjoni eżistenti li qed titħassar. Il-livell ta' rekwiżiti addizzjonali, speċjalment l-informazzjoni min-negozji, hu maħsub li jnaqqas il-piż ġenerali. Fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tinġabar minn dawk li jwieġbu, il-piż jitnaqqas billi jiġu introdotti limiti stabbiliti fil-livell ta' farm u f'dak territorjali li mistennija jinvolvu kampjuni iżgħar.

In-nuqqas ta' aġġornament tal-qafas legali jista' jwassal biex l-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti titlef xi ftit mir-rilevanza tagħha u jipperikola t-teħid ta' deċiżjonijiet għaqlin fl-oqsma ta' politika kkonċernati.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Minħabba li din il-proposta hi mfassla biex taġġorna d-dispożizzjonijiet attwali u tadatta għall-ħtiġijiet ġodda, il-bażi legali eżistenti – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79/KE u d-Direttiva 2001/109/KE – għandhom jitħassru.

- **Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-UE**

L-istituzzjonijiet Ewropej saħqu, f'diversi okkażjonijiet, fuq ir-rwol kruċjali li għandha l-agrikoltura biex tiġi assigurata s-sigurtà tal-ikel, jiġi ġġenerat ikel tajjeb għas-saħħa u tissaħħaħ il-vitalità taż-żoni rurali fl-Unjoni Ewropea. L-importanza dejjem tiżdied tal-konsum tal-frott, u l-impatt pożittiv li jirriżulta fuq is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-ekonomiji rurali, l-impjiegi, is-sostenibbiltà u l-kompetittività f'termini ta' politika soċjali u inklużjoni ("ikel sikur u tajjeb għas-saħħa għall-kulħadd"), jeħtieġu li tiġi aġġustata s-sistema tal-istatistika. L-importanza tal-għelejjel permanenti f'żoni rurali, u l-ħtieġa assoċjata għal forza tax-xogħol konsiderevoli huma fattur ewlieni fil-ħtieġa ta' għarfien aħjar tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni strutturali ta' dawn l-għelejjel.

## 2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMA TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u deskrizzjoni ġenerali ta' dawk li jwieġbu*

Il-perjodu bejn l-2007 u l-2009 ra konsultazzjonijiet tekniċi intensivi mal-produtturi tad-dejta fil-qafas tas-Sistema Statistika Ewropea fil-gruppi ta' ħidma rilevanti. F'diversi okkażjonijiet, il-produtturi tad-dejta nazzjonali ntalbu biex jinvolvu l-partijiet interessati nazzjonali tagħhom fid-diskussjonijiet. Kien hemm ukoll konsultazzjonijiet fil-Kummissjoni (DĠ ENTR, AGRI, REGIO, SANCO, ENV, ENTR) u mal-partijiet interessati mill-industrija.

*Taqsira tat-tweġibiet u l-mod kif tqiesu*

Din il-proposta hija r-riżultat ta' negozjati intensivi bejn il-partijiet interessati kollha;

hi tqis il-prijoritajiet fost il-ħtiġijiet addizzjonali tal-utent u tibbilanċjahom mal-piż addizzjonali ta’ ġbir u kompilazzjoni li huma jistgħu joħolqu.

- **Ġbir u użu ta' kompetenzi**

*Oqsma xjentifiċi/ta' kompetenza kkonċernati*

Ir-rappreżentanti nazzjonali fi ħdan il-Grupp ta’ Ħidma tad-DĠ Eurostat dwar l-Istatistika tal-Għelejjel huma esperti li għandhom għarfien tal-leġiżlazzjoni eżistenti u s-sistemi nazzjonali għall-ġbir u l-kompilazzjoni ta’ statistika tal-għelejjel permanenti. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni li ġew ikkonsultati għandhom esperti fil-qasam tal-agrikoltura jew tal-analiżi politika marbuta mal-agrikoltura.

*Metodoloġija użata*

Bejn l-2008 u l-2009, l-ideat u l-proposti tal-Eurostat ġew diskussi fil-kumitati u fil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma, ma’ parteċipanti mill-istituti nazzjonali tal-istatistika jew mid-dipartimenti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-agrikoltura, dipartimenti oħra tal-Kummissjoni u partijiet interessati esterni. Dawn imbagħad ġew ippreżentati lill-Grupp ta' Ħidma plenarju u ġew diskussi minnu, liema diskussjoni kienet imsejsa fuq kummenti bil-miktub li ntalbu mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Eurostat wettaq konsultazzjonijiet bilaterali ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni li għalihom l-istatistika tal-għelejjel permanenti tista' tkun rilevanti.

*Organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati*

Istituti nazzjonali tal-istatistika, awtoritajiet nazzjonali tal-agrikoltura, dipartimenti tal-Kummissjoni, partijiet interessati mill-industrija (eż. COPA-COGECA u OIV).

*Taqsira tal-pariri li ttieħdu u ntużaw*

Ma ssemma l-ebda riskju potenzjalment gravi u b’konsegwenzi irreversibbli.

Hemm qbil ġenerali fost l-esperti li l-bażi legali għall-istatistika tal-għelejjel permanenti teħtieġ aġġornament.

Il-pariri mogħtija mill-esperti matul il-ħafna laqgħat u konsultazzjonijiet irriżultaw fi proposta bbilanċjata, li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti, pereżempju, fil-qasam tal-PAK jew id-dimensjoni soċjali tal-agrikoltura, filwaqt li fl-istess ħin tqis l-effiċjenza tal-ġbir ta’ dejta, biex tnaqqas il-piż addizzjonali fuq dawk li jwieġbu.

*Mezzi li ntużaw biex il-pariri tal-esperti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku*

Id-dokumenti u l-minuti tal-Grupp ta' Ħidma disponibbli permezz ta' CIRCA. Skambji bilaterali, prinċipalment bil-miktub.

- **Analiżi tal-effetti u l-implikazzjonijiet**

Għażla 1 (għażla bażi, jiġifieri l-ebda involviment ġdid mill-Unjoni Ewropea). Jekk l-Unjoni Ewropea ma tieħu l-ebda azzjoni ġdida, il-komparabbiltà u l-armonizzazzjoni tal-istatistika tal-għelejjel permanenti madwar l-Ewropa jiddgħajfu u, f'ambjent fejn is-sehem tal-għelejjel permanenti hu predominanti f'parti kbira tar-reġjuni tal-UE, l-

opportunitajiet biex isir użu effiċjenti tal-istatistika miġbura minn pajjiżi sħab fuq il-bażi ta' kunċetti komuni u formati ta' rappurtaġġ ma jkunux sfruttati b'mod sħiħ. Meta l-istatistika tal-għelejjel permanenti minn sorsi uffiċjali ma tkunx armonizzata jew disponibbli, jew disponibbli biss parzjalment minħabba li hi pprovduta volontarjament, iridu jintużaw sorsi oħra (organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati u tal-kummerċjanti). B'riżultat ta' dan, il-kwalità tad-dejta tista' tmur lura u dan jista' jkollu impatt negattiv fuq it-tfassil tal-politiki.

Għażla 2 (Involviment tal-Unjoni Ewropea kif propost). Il-qafas propost għall-istatistika Ewropea jagħmel id-dejta aktar komparabbli u għalhekk aktar rilevanti għall-utenti kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Barra minn hekk, l-użu ta' kunċetti komuni u formati ta' rappurtaġġ jista' jgħin biex il-ġbir u l-użu tal-istatistika tal-għelejjel permanenti jsiru aktar effiċjenti.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsira tal-azzjoni proposta**

L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jaġġorna l-qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika tal-għelejjel permanenti, permezz tal-ġbir, il-kompilazzjoni, l-ipproċessar u t-trażmissjoni mill-Istati Membri tal-istatistika Ewropea armonizzata dwar l-għelejjel permanenti.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi l-bażi legali għall-istatistika Ewropea. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw il-miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-attivitajiet tal-Unjoni. L-Artikolu msemmi jistabbilixxi r-rekwiżiti marbuta mal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, jiġifieri li għandha tikkonforma mal-istandards ta' imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, infiq effettiv u kunfidenzjalità tal-istatistika.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġuni(jiet) li ġejjin.

Waħda mill-preokkupazzjonijiet fundamentali fil-qasam tal-kwalità ta' kull dejta statistika hija l-komparabbiltà. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu dan sa fejn meħtieġ mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri leġiżlazzjoni Ewropea li tistabbilixxi kunċetti statistiċi komuni, formati ta' rappurtaġġ u rekwiżiti ta' kwalità. Għal dan l-għan, il-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tal-istatistika tal-għelejjel permanenti ilha teżisti mill-1977 għall-pjantaġġuni tas-siġar tal-frott u mill-1979 għall-vinji għall-inbid. Madankollu, l-utenti u l-produtturi talbu għal aġġornament.

L-azzjoni mill-Istati Membri waħidhom tista' taffettwa ħażin l-interessi tagħhom. Billi, flimkien mal-komponent domestiku tiegħu, l-istatistika tal-għelejjel permanenti

għandha dimensjoni internazzjonali importanti f'termini ta' kummerċ estern, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jridu li jkollhom informazzjoni statistika komparabbli internazzjonalment għad-dispożizzjoni tagħhom. Mingħajr statistika bħal din, miġbura u kkompilata bl-użu ta' qafas komuni fil-livell tal-Unjoni Ewropea, jitnaqqsu r-rilevanza u l-effettività tas-sistemi (nazzjonali) tal-istatistika agrikola. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' qafas komuni bl-użu ta' kunċetti u formati ta' rappurtaġġ komuni jipperikola jew jeskludi għal kollox il-possibbiltà ta' skambju ta' statistika.

Azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea hija preferibbli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(jiet) li ġejjin.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu sew mill-Istati Membri u għalhekk, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi ta' att legali Ewropew, minħabba li l-Kummissjoni biss tista' tikkoordina l-armonizzazzjoni meħtieġa tal-informazzjoni statistika fil-livell tal-Unjoni Ewropea; il-ġbir ta' dejta u l-kompilazzjoni tal-istatistika komparabbli dwar l-għelejjel permanenti, min-naħa l-oħra, jistgħu jiġu organizzati biss mill-Istati Membri. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea tista' tieħu azzjoni skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat.

Fir-rigward tal-użu ta' indikaturi kwalitattivi biex juru li l-għan jista' jintlaħaq aħjar mill-Unjoni, billi l-għan tal-proposta hu li tiġi prodotta statistika Ewropea armonizzata dwar l-għelejjel permanenti, jista' biss jidħol fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Din il-proposta se twassal għal aktar dejta komparabbli u għalhekk aktar rilevanti.

Il-proposta għandha l-għan li tarmonizza l-kunċetti, is-suġġetti koperti u l-karatteristiċi tal-informazzjoni meħtieġa, tal-kopertura, il-kriterji ta' kwalità u l-iskadenzi u r-riżultati tar-rappurtaġġ, sabiex tikseb statistika Ewropea rilevanti, f'waqtha, komparabbli u koerenti. Madankollu, l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeċiedu dwar kif isir il-ġbir tad-dejta, minħabba li dawk li jiġbru d-dejta nazzjonali huma fl-aħjar pożizzjoni li jiġġudikaw dwar il-metodoloġija u s-sorsi ta' dejta l-aktar xierqa. Għal din ir-raġuni, l-inizjattiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-istandards metodoloġiċi se tkun limitata għall-produzzjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ta' sett ta' linji gwida rrakkomandati.

Għaldaqstant, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

Ir-Regolament hu limitat għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ għal dak l-iskop. Dan ma jispeċifikax il-mekkaniżmi tal-ġbir tad-dejta għal kull Stat Membru, iżda jiddefinixxi biss id-dejta li għandha tiġi pprovduta biex jiġu żgurati strutturi u ħin armonizzati. Ta' min jinnota wkoll li l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-vinji għall-inbid hija disponibbli fir-Reġistru tal-Vinji li l-Istati Membri kollha bi produzzjoni sinifikanti jridu joħolqu u jżommu mill-inqas sal-2015.

Il-frekwenza tat-trażmissjoni ta' dejta f'ċerti każi, u l-opportunità li jsir aktar użu ta' sorsi għajr għall-istħarriġ (eż. sorsi amministrattivi jew tekniki tal-istima tal-istatistika xierqa), għandhom inaqqsu l-piż finanzjarju u amministrattiv fuq awtoritajiet

nazzjonali, reġjonali jew lokali, fuq operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini.

- **Għażla tal-istrumenti**

Strument propost: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) li ġejjin.

L-għażla tal-istrument xieraq tiddependi fuq l-għan leġiżlattiv. Minħabba l-informazzjoni meħtieġa fil-livell Ewropew, it-tendenza fl-istatistika Ewropea kienet li jintużaw regolamenti aktar milli direttivi bħala l-atti bażiċi. Regolament huwa preferibbli għaliex jistabbilixxi l-istess liġi mal-Unjoni Ewropea kollha, u ma jħalli ebda possibbiltà għall-Istati Membri li japplikawha b'mod inkomplet jew selettiv. Dan japplika direttament, jiġifieri ma jkunx hemm bżonn li jiġi trasspost fil-liġi nazzjonali. Kuntrarjament, id-direttivi, li għandhom l-għan li jarmonizzaw il-liġijiet nazzjonali, jorbtu lill-Istati Membri fir-rigward tal-għanijiet tagħhom, iżda jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali biex jagħżlu l-forma li jridu jużaw biex jilħqu dawn l-għanijiet. Jeħtieġu wkoll li jkunu trasposti fil-liġi nazzjonali. L-użu ta' regolament huwa skont atti ġuridiċi statistiċi li ġew addottati mill-1979 'l hawn dwar il-vinji għall-inbid.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## 5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevdi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali), u għal partijiet privati.

It-tqassim ridott tad-dejta dwar il-provvista skont ir-reġjuni, il-varjetajiet, il-klassijiet ta' densità u ta' età u l-irtirar tal-klassijiet ta' produzzjoni, il-possibbiltà li jiġi limitat l-ambitu f'termini tad-daqs tal-farms li jipproduċu għelejjel permanenti u l-irtirar tat-trażmissjoni ta' dejta annwali għal tibdil fiż-żona tal-vinja għall-inbid, se jissemplifikaw il-ħidma tal-UE u tal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Il-possibbiltà biex jiġi limitat l-ambitu tal-għbir ta' dejta fir-rigward tal-għelejjel permanenti se tnaqqas il-piż fuq dawk li jwieġbu, speċjalment il-mikrointrapriżi. Il-fatt li l-Istati Membri jitħallew liberi li jipproduċu ċ-ċifri meħtieġa billi jużaw taħlita ta' sorsi (stħarriġ, iżda wkoll dejta amministrattiva jew proċeduri ta' stima) hu maħsub li jnaqqas il-piż fuq dawk li jwieġbu, - kemm intrapriżi kif ukoll familji.

- **Tħassir tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għat-tħassir tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għaldaqstant għandu jestendi saż-Żona

Ekonomika Ewropea.

2010/0133 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

Bi qbil mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar stħarriġ statistiku ta' nħawi tad-dwieli[3] u d-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq mill-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tal-produzzjoni ta' pjantazzjonijiet ta' xi speċje ta' siġar tal-frott[4] ġew emendati diversi drabi. Billi issa jinħtieġu aktar emendi u semplifikazzjonijiet, dawn l-atti, għall-finijiet ta' ċarezza u skont l-approċċ il-ġdid għas-semplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u r-regolamentazzjoni aħjar, għandhom jiġu sostitwiti b'att wieħed.

(2) Sabiex twettaq il-funzjoni mogħtija lilha bit-Trattat u bid-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, jeħtieġ li l-Kummissjoni dejjem ikollha informazzjoni preċiża dwar il-potenzjal tal-produzzjoni ta' pjantaġġuni ta' ċerti speċji ta' għelejjel permanenti fl-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-politika agrikola komuni titmexxa kif xieraq, il-Kummissjoni teħtieġ li d-dejta dwar l-għelejjel permanenti tiġi pprovduta regolarment fuq perjodu ta' ħames snin.

(3) L-istatistika strutturali dwar l-għelejjel permanenti għandha tkun disponibbli biex tiżgura li l-potenzjal ta' produzzjoni u l-qagħda tas-suq jistgħu jiġu sorveljati. Flimkien mal-informazzjoni mogħtija fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Uniku, l-informazzjoni dwar l-analiżi reġjonali hi essenzjali. Għaldaqstant,

---

[3] ĠU L 54, 5.3.1979, p. 124.
[4] ĠU L 13, 16.1.2002, p. 21.

jinħtieġ li l-Istati Membri jiġbru din l-informazzjoni u jibagħtuha lill-Kummissjoni f'ċerti dati fissi.

(4) L-istatistika dwar l-għelejjel permanenti hi essenzjali għall-immaniġġjar tas-swieq fil-livell tal-Unjoni. Jitqies ukoll essenzjali li l-istatistika strutturali dwar l-għelejjel permanenti tkun koperta flimkien mal-istatistika annwali dwar l-oqsma u l-produzzjoni regolati b'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(5) Sabiex jiġi evitat piż bla bżonn fuq il-farms u l-amministrazzjonijiet, għandhom jiġu stabbiliti xi limiti għall-entitajiet bażiċi minbarra entitajiet mhux rilevanti.

(6) Biex tiġi garantita dejta armonizzata, għandhom jiġu ddikjarati b'mod ċar l-aktar definizzjonijiet importanti, il-perjodi ta' referenza u r-rekwiżiti ta' preċiżjoni li għandhom jiġu applikati fil-produzzjoni ta' din l-istatistika.

(7) Biex tiġi garantita d-disponibbiltà ta' din l-istatistika għall-utenti fil-limitu ta' żmien meħtieġ, għandha tiġi stabbilita skeda taż-żmien għat-trażmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni.

(8) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS)[5], l-istatistika kollha mill-Istati Membri mibgħuta lill-Kummissjoni li hi mqassma skont l-unitajiet territorjali għandha tuża l-klassifikazzjoni NUTS. Għaldaqstant, biex tiġi stabbilita statistika reġjonali komparabbli, l-unitajiet territorjali għandhom jiġu definiti skont il-klassifikazzjoni NUTS. Madankollu, meta jitqies li għal immaniġġjar sod tas-settur tal-inbid u tad-dwieli, jinħtieġu analiżijiet territorjali oħra, tista' tittieħed deċiżjoni dwar unitajiet territorjali differenti għal dawn.

(9) Ir-rapporti metodoloġiċi u ta' kwalità huma essenzjali biex tiġi eżaminata l-kwalità tad-dejta u biex jiġu analizzati r-riżultati u għandhom jiġu pprovduti fuq bażi regolari.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea[6] jipprovdi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti. B'mod partikolari, dan jirrikjedi konformità mal-prinċipji ta' indipendenza professjonali, imparzjalità, oġġettività, affidabbiltà, kunfidenzjalità tal-istatistika u nfiq effettiv.

(11) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twaqqif ta' qafas legali komuni għall-ġbir, il-kompilazzjoni u t-trażmissjoni sistematiċi tal-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti fl-Istati Membri, ma jistax jinkiseb sew mill-Istati Membri u jista' għalhekk jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

---

5 ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.
6 ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164

(12) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għanijiet ta' modifika tal-Annessi.

(13) Il-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "għelejjel permanenti" tfisser għelejjel mhux imkabbra b'rotazzjoni, għajr għal bur permanenti, li jokkupaw il-ħamrija għal żmien twil u jagħtu ħsad fuq diversi snin;

3. "raba' mħawwel" tfisser raba' agrikolu kif definit fl-Artikolu 2(1a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004[7] imħawwel b'waħda mill-għelejjel permanenti msemmija fl-Anness I;

2. "żona mħawla" tfisser li ż-żona tar-raba' mħawwel bi pjantaġġun omoġenju tal-għelejjel permanenti rilevanti mqarrba sal-eqreb 100 metru kwadru.

4. "sena tal-ħsad" tfisser is-sena kalendarja li matulha jibda l-ħsad;

5. "densità" tfisser in-numru ta' pjanti għal kull ettaru;

6. "perjodu ta' tħawwil normali" tfisser il-perjodu tas-sena meta l-għelejjel permanenti jiġu normalment imħawla li jibda f'nofs il-ħarifa u jintemm sa nofs ir-rebbiegħa tas-sena ta' wara:

7. "sena ta' tħawwil" tfisser l-ewwel sena fejn il-pjanta jkollha żvilupp veġetattiv wara l-jum li fih tiġi installata fil-post ta' produzzjoni definittiv tagħha;

---

[7] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18).

8. "età" tfisser in-numru ta' snin mis-sena ta' tħawwil, li għandha titqies bħala l-ewwel sena 1;

9. "siġra tat-tuffieħ tad-deżerta u siġra tal-lanġas tad-deżerta" tfisser pjantaġġunti tas-siġar tat-tuffieħ u pjantaġġuni tas-siġar tal-lanġas, għajr dawk maħsuba speċifikament għall-ipproċessar industrijali;

10. "dwieli għal skopijiet oħra" tfisser iż-żona kollha tad-dwieli li trid tiġi inkluża fir-reġistru tal-vinji kif stabbilit fit-Titolu I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009[8];

11. "għeneb għal użu doppju" tfisser l-għeneb prodott minn "varjetajiet ta' dwieli fil-klassifikazzjoni tal-varjetajiet tad-dwieli mfassla mill-Istati Membri skont l-Artikolu 120a (2) sa (6) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007[9], għall-istess unità amministrattiva, kemm bħala varjetajiet ta' għeneb tal-inbid kif ukoll, skont il-każ, varjetajiet ta' għeneb tal-mejda; varjetajiet għall-produzzjoni ta' għeneb imnixxef jew varjetajiet għall-produzzjoni ta' spirti tal-inbid"[10];

12. "għelejjel ikkombinati" tfisser kombinazzjoni ta' għelejjel li jokkupaw ħabel raba' fl-istess żmien.

*Artikolu 3*

**Kopertura**

1. L-istatistika li trid tiġi pprovduta għall-għelejjel imsemmija taħt il-punti 1 sa 11 fl-Anness I għandha tirrappreżenta mill-inqas 95 % taż-żona mħawla kollha f'azjendi li jipproduċu esklussivament jew prinċipalment għas-suq ta' kull għalla permanenti msemmija f'kull Stat Membru.

   Azjendi jistgħu jiġu esklużi jekk ikunu iżgħar minn 0.1 ettaru, jipproduċu esklussivament jew prinċipalment għas-suq ta' kull għalla permanenti msemmija f'kull Stat Membru, jekk iż-żona kumulata tagħhom tirrappreżenta inqas minn 5 % tat-total ta' żona mħawla tal-għalla individwali.

2. Iż-żona ta' għelejjel ikkombinati għandha tkun distribwita bejn l-għelejjel differenti fi proporzjon mal-medda ta' art li jieħdu.

3. Bla ħsara għal kull att delegat adottat skont l-Artikolu 4(4) ta' dan ir-Regolament, l-istatistika għall-għelejjel imsemmija fil-punt 12 tal-Anness I għandha tkun ipprovduta bl-użu tad-dejta disponibbli fir-reġistru tal-vinji

[8] ĠU L 128, 27.5.2009, p. 15.

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

[10] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 479/2008 f'dak li jirrigwarda r-reġistru tal-vinji, il-prospetti obbligatorji u l-istabbiliment ta' tagħrif għall-monitoraġġ tas-suq, id-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr tal-prodotti u r-reġistri li għandhom jinżammu fis-settur tal-vinji tal-inbid (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 15).

implimentat skont l-Artikolu 185a tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-azjendi kollha inklużi f'dan ir-reġistru kif definit fl-Artikolu 3(1a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009[11].

*Artikolu 4*

**Produzzjoni tad-dejta**

1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu matul l-2012, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, id-dejta msemmija fl-Anness II dwar iż-żona mħawla b'għelejjel permanenti msemmija fil-punti 1 sa 11 tal-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jipproduċu matul l-2015, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, id-dejta msemmija fl-Anness III dwar iż-żona mħawla b'għelejjel permanenti msemmija fil-punt 12 tal-Anness I.

3. Kull Stat Membru għandu jipproduċi l-istatistika strutturali mniżżla fl-Annessi II u III dwar iż-żona mħawla b'għelejjel permanenti b'minimu ta' 500 ettaru għal kull għalla permanenti individwali msemmija fl-Anness I fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 10 bl-għan li temenda l-lista fl-Anness I u l-istatistika stabbilita fl-Annessi II u III.

*Artikolu 5*

**Sena ta' referenza**

1. L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2012 għad-dejta msemmija fl-Anness II fir-rigward tal-għelejjel permanenti msemmija fil-punti 1 sa 11F tal-Anness I.

2. L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2015 għad-dejta msemmija fl-Anness III fir-rigward tal-għelejjel permanenti msemmija fil-punt 12 tal-Anness I.

3. L-istatistika pprovduta għandha tirreferi għaż-żona mħawla wara l-perjodu ta' tħawwil normali.

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti ta' preċiżjoni**

1. L-Istati Membri li jwettqu l-istħarriġ kampjunarju biex jiksbu din l-istatistika għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dejta tissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni li ġejjin: il-koeffiċjent ta' varjazzjoni tad-dejta ma

---

[11] ĠU L 128, 27.5.2009, p. 15.

għandux jaqbeż, fil-livell nazzjonali, 3 % għaż-żona li qed tiġi kkultivata għal kull waħda mill-għelejjel imsemmija fil-punti 1 sa 11 u 1 % għall-għelejjel imsemmija fil-punti 12 tal-Anness I.

2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw sorsi ta' informazzjoni statistika għajr għall-istħarriġ, għandhom jiżguraw li l-informazzjoni miksuba minn dawn is-sorsi tkun mill-inqas tal-istess kwalità tal-informazzjoni miksuba mill-istħarriġ statistiku.

3. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw sors amministrattiv għandhom jinformaw lill-Kummissjoni minn qabel u għandhom jipprovdu d-dettalji dwar il-metodu li għandu jintuża u l-kwalità tad-dejta minn dak is-sors amministrattiv.

*Artikolu 7*

**Statistika reġjonali**

1. L-analiżi reġjonali li trid tintuża hi kif speċifikata fl-Annessi II u III.

2. Il-livelli NUTS imsemmija fl-Annessi huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

*Artikolu 8*

**Trażmissjoni lill-Kummissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-dejta stabbilita fl-Annessi II u III sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara l-perjodu ta' referenza.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 10 bl-għan li tadatta t-tabelli ta' trażmissjoni stabbiliti fl-Annessi II u III.

*Artikolu 9*

**Rapporti metodoloġiċi u ta' kwalità**

1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, il-kriterji ta' kwalità li jridu japplikaw għad-dejta li se tkun trażmessa, huma dawk imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009[12].

2. Sal-31 ta' Lulju 2013 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bir-rapporti dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa u l-metodi użati.

---

[12] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

3. Ir-rapport, bl-użu tal-kriterji ta' kwalità msemmija fil-paragrafu 1, għandu jiddeskrivi:

(a) l-organizzazzjoni tal-istħarriġ kopert b'dan ir-Regolament u l-metodoloġija applikata;

(b) il-livell ta' preċiżjoni u l-kopertura miksuba għall-istħarriġ kampjunarju msemmi f'dan ir-Regolament; kif ukoll

(c) il-kwalità ta' sorsi, għajr għall-istħarriġ, li jintużaw.

4. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'kull bidla metodoloġika jew tibdil ieħor li jista' jkollu effett konsiderevoli fuq l-istatistika, mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jidħol fis-seħħ it-tibdil.

5. Għandu jitqies il-prinċipju li l-ispejjeż u l-piżijiet addizzjonali jibqgħu f'limiti raġonevoli.

*Artikolu 10*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħat, għal perjodu ta' żmien mhux determinat, li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(4) u 8(2).

2. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha, fl-istess waqt, tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħat li tadotta l-atti delegati, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 11 u 12.

*Artikolu 11*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4(4) u 8(2) tista’ tiġi rrevokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. Jekk istituzzjoni tibda proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħa, din għandha tinforma lil-leġiżlatur l-ieħor u lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tiddikjara l-poteri delegati li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u r-raġunijiet għar-revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f’dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 12*

**Oġġezzjoni għall-atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

2. Jekk, malli jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, jew jekk, qabel id-data ta' skadenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw, it-tnejn li huma, lill-Kummissjoni li ddeċidew li ma joġġezzjonawx, l-att delegat għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fid-dispożizzjonijiet tiegħu.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw l-att delegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni kkonċernata għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha għall-att delegat.

*Artikolu 13*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KEE) Nru 357/79 u d-Direttiva 2001/109/KE qed jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

Referenzi magħmula għar-Regolament u d-Direttiva mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## Anness I

**Għelejjel permanenti**

1. Siġar tat-tuffieħ tad-deżerta
2. Siġar tat-tuffieħ għall-ipproċessar industrijali (fakultattiv)
3. Siġar tal-lanġas tad-deżerta
4. Siġar tal-lanġas għall-ipproċessar industrijali (fakultattiv)
5. Siġar tal-berquq
6. Siġar tal-ħawħ
7. Siġar tal-larinġ
8. Siġar tal-frott taċ-ċitru żgħir
9. Siġar tal-lumi
10. Siġar taż-żebbuġ
11. Dwieli maħsuba għall-produzzjoni tal-għeneb tal-mejda
12. Dwieli għal skopijiet oħra għajr dawk għall-produzzjoni tal-għeneb tal-mejda

## Anness II

## Dejta statistika dwar il-pjantaġġuni tal-frott u taż-żebbuġ

### 1. Speċi u Analiżi reġjonali

| Speċi | Livell reġjonali li jrid jintuża għad-dejta reġjonali |
|---|---|
| Siġar tat-tuffieħ tad-deżerta | NUTS1 |
| Siġar tat-tuffieħ għall-ipproċessar industrijali | |
| Siġar tal-lanġas tad-deżerta | |
| Siġar tal-lanġas għall-ipproċessar industrijali (fakultattiv) | |
| Siġar tal-berquq | |
| Siġar tal-ħawħ | |
| Siġar tal-larinġ | |
| Siġar tal-frott taċ-ċitru żgħir | |
| Siġar tal-lumi | |
| Siġar taż-żebbuġ | |
| Għeneb tal-mejda | |

### 2. Analiżi tal-ispeċi skont il-"Gruppi"

| Speċi | Analiżi |
|---|---|
| **Siġar tat-tuffieħ** | Grupp Boskoop rouge |
| | Grupp Braeburn |
| | Grupp Cox Orange |
| | Grupp Cripps Pink |
| | Grupp Elstar |
| | Grupp Fuji |
| | Grupp Gala |
| | Grupp Golden delicious |
| | Grupp Granny smith |
| | Grupp Idared |
| | Grupp Jonagold |
| | Grupp Jonagored |
| | Grupp Morgenduft |
| | Grupp Red delicious |
| | Grupp Reinette blanche du Canada |

<table>
<tr><th colspan="2">Speċi</th><th colspan="2">Analiżi</th></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="3"></td><td colspan="2">Grupp Shampion</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Lobo</td></tr>
<tr><td colspan="2">Oħrajn</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="12">Siġar tal-lanġas</td><td colspan="2">Grupp Conference</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp William</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Abate</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Rocha</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Coscia-ercolini</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Guyot</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Blanquilla</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Decana</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Kaiser</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp Doyenné du Comice</td></tr>
<tr><td colspan="2">Oħrajn</td></tr>
<tr><td rowspan="18">Siġar tal-ħawħ</td><td rowspan="9">Ħawħ għajr għal nuċiprisk u ħawħ għall-ipproċessar</td><td rowspan="4">Laħma safra</td><td>Bikri ħafna: ħsad sal-15 ta' Ġunju</td></tr>
<tr><td>Bikri: ħsad bejn is-16 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju</td></tr>
<tr><td>Medju: ħsad bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td>Tard: jinħasad wara l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td rowspan="4">Laħma bajda</td><td>Bikri ħafna: ħsad sal-15 ta' Ġunju</td></tr>
<tr><td>Bikri: ħsad bejn is-16 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju</td></tr>
<tr><td>Medju: ħsad bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td>Tard: jinħasad wara l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td colspan="2">Ħawħa ċatta (doughnut peach)</td></tr>
<tr><td rowspan="8">Nuċiprisk</td><td rowspan="4">Laħma safra</td><td>Bikri ħafna: ħsad sal-15 ta' Ġunju</td></tr>
<tr><td>Bikri: ħsad bejn is-16 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju</td></tr>
<tr><td>Medju: ħsad bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td>Tard: jinħasad wara l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td rowspan="4">Laħma bajda</td><td>Bikri ħafna: ħsad sal-15 ta' Ġunju</td></tr>
<tr><td>Bikri: ħsad bejn is-16 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju</td></tr>
<tr><td>Medju: ħsad bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td>Tard: jinħasad wara l-15 ta' Awwissu</td></tr>
<tr><td colspan="3">Ħawħ għall-ipproċessar (inkluż grupp ta' Pavie)</td></tr>
</table>

| Speċi | Analiżi | |
|---|---|---|
| **Siġar tal-berquq** | Bikri ħafna: ħsad sal-31 ta' Mejju | |
| | Bikri: ħsad bejn l-1 u t-30 ta' Ġunju | |
| | Medju: ħsad bejn l-1 u l-31 ta' Lulju | |
| | Tard: jinħasad wara l-1 ta' Awwissu | |
| **Siġar tal-laringi** | Navel | Bikri: ħsad bejn Ottubru u Jannar. |
| | | Medju: ħsad bejn Diċembru u Marzu |
| | | Tard: ħsad bejn Jannar u Mejju |
| | Blancas | Bikri: ħsad bejn Diċembru u Marzu |
| | | Tard: ħsad bejn Marzu u Mejju |
| | Laringi tad-demm | |
| | Oħrajn | |
| **Siġar tal-frott taċ-ċitru żgħir** | Satsumi | Satsumas bikrin aktar min-normal: ħsad bejn Settembru u Novembru |
| | | Satsumas oħra: ħsad bejn Ottubru u Diċembru |
| | Klementini | Klementini bikrin: ħsad bejn Settembru u Diċembru |
| | | Klementini medji: ħsad bejn Novembru u Jannar |
| | | Klementini tard: ħsad bejn Jannar u Marzu |
| | Ċitru żgħir ieħor inklużi l-ibridi | |
| **Siġar tal-lumi** | Varjetajiet tax-xitwa: ħsad bejn Ottubru u April | |
| | Varjetajiet tas-sajf: ħsad bejn Frar u Settembru | |
| **Siġar taż-żebbuġ** | Għaż-żebbuġ għall-mejda | |
| | Għaż-żebbuġ għaż-żejt | |
| | Għaż-żebbuġ għal użu doppju | |
| **Dwieli tal-għeneb għall-mejda** | Bojod | Bla żerriegħa |
| | | Normali |
| | Ħomor | Bla żerriegħa |
| | | Normali |

### 3. Klassijiet ta' densità

| | Klassijiet ta' densità | Siġar tat-Tuffieħ u tal-Lanġas | Siġar tal-Ħawħ, tan-Nuċiprisk u tal-Berquq | Siġar tal-Larinġ, taċ-Ċitru żgħir u tal-Lumi | Siġar taż-żebbuġ | Dwieli tal-għeneb għall-mejda |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Densità (f'numru ta' siġar/ettaru) | 1 | <400 | <600 | <250 | <140 | <1000 |
| | 2 | 400-1599 | 600-1199 | 250-499 | 140-399 | 1000-1499 |
| | 3 | 1600-3199 | ≥1200 | 500-749 | ≥400 | ≥1500 |
| | 4 | ≥3200 | | 750-999 | | |
| | 5 | | | ≥1000 | | |

### 4. Klassijiet ta' età

| | Klassijiet ta' età | Siġar tat-Tuffieħ u tal-Lanġas | Siġar tal-Ħawħ, tan-Nuċiprisk u tal-Berquq | Siġar tal-Larinġ, taċ-Ċitru żgħir u tal-Lumi | Siġar taż-żebbuġ | Dwieli tal-għeneb għall-mejda |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Età (snin mill-pjantaġġun) | 1 | 0-4 | 0-4 | 0-4 | 0-4 | 0-3 |
| | 2 | 5-9 | 5-14 | 5-9 | 5-11 | 3-9 |
| | 3 | 10-14 | 15 u aktar | 10-14 | 12-49 | 9-19 |
| | 4 | 15-24 | | 15-24 | 50 u aktar | 20 u aktar |
| | 5 | 25 u aktar | | 25 and over | | |

### 5. Taqsira

Id-dejta (f'ettari) li trid tiġi pprovduta trid tkun din li ġejja:

| Stat Membru: | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Reġjun : | | | | | |
| Speċi: | | | | | |
| Grupp: | | | | | |
| | Klassi ta' età 1 | Klassi ta' età 2 | Klassi ta' età 3 | Klassi ta' età 4 | Klassi ta' età 5 |
| Klassi ta' densità 1 | | | | | |
| Klassi ta' | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| densità 2 | | | | | |
| Klassi ta' densità 3 | | | | | |
| Klassi ta' densità 4 | | | | | |
| Klassi ta' densità 5 | | | | | |

**6. Limiti stabbiliti**

L-analiżi tad-dejta (f'ettari) għandha tkun ipprovduta biss meta l-erja fiċ-ċellula tkun ta' mill-inqas 500 ettaru.

## Anness III

### Dejta statistika dwar il-vinji

**Tifsira tal-abbrevjazzjonijiet:**

– Nru – numru

– Azj jew azj - azjenda

– Ħab jew ħab – ħabel raba'

– Ha jew ha - ettaru

– Hl jew hl - ettolitru

– Aħm – aħmar/rosé

– Abj jew abj - abjad

– mkb - mhux klassifikat band'oħra

– DOP - denominazzjoni ta' oriġini protetta

– IĠP - indikazzjoni ġeografika protetta

**Tabella 1: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont it-tip ta' produzzjoni**

Tabella 1.1: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont it-tip ta' produzzjoni skont NUTS 3 (a)

<table>
<tr><th colspan="2" rowspan="2">Varjabbli/Karatteristiċi</th><th rowspan="2">Nru tal-azj.</th><th rowspan="2">Nru tal-ħab.</th><th rowspan="2">Żona (ha)</th><th colspan="2">Produzzjoni (hl jew 100 kg) [13]</th></tr>
<tr><th>Aħm</th><th>Abj</th></tr>
<tr><td>Żona tad-dielja, total (qed tipproduċi/għadha ma bdietx tipproduċi)</td><td>Total</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="7">Żona tad-dielja li qed tipproduċi mħawla b'</td><td>varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid</td><td></td><td></td><td></td><td>(b)</td><td>(b)</td></tr>
<tr><td>- li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'DOP</td><td></td><td></td><td></td><td>(b)</td><td>(b)</td></tr>
<tr><td>- li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'IĠP</td><td></td><td></td><td></td><td>(b)</td><td>(b)</td></tr>
<tr><td>- li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed mingħajr DOP jew IĠP</td><td></td><td></td><td></td><td>(b)</td><td>(b)</td></tr>
<tr><td>- li jinkludu "għeneb għal użu doppju"</td><td></td><td></td><td></td><td>(b)</td><td>(b)</td></tr>
<tr><td>għeneb imnixxef</td><td></td><td></td><td></td><td>(b)</td><td>(b)</td></tr>
<tr><td>Total</td><td></td><td></td><td></td><td>(b)</td><td>(b)</td></tr>
</table>

(a) Stati Membri kkonċernati: BG, CZ, DE, IT, EL, ES, FR, HU, AT, PT, RO, SI u SK.

(b) Fakultattiv

[13] Medja "Olimpika" (produzzjoni ta' tliet snin fl-aħħar ħames snin ta' għelejjel, minbarra, għalhekk, iż-żewġ valuri estremi).

Tabella 1.2: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont it-tip ta' produzzjoni skont NUTS 2 (a)

| Varjabbli/Karatteristiċi | | Nru tal-azj. | Nru tal-ħab. | Żona (ha) | Produzzjoni (hl jew 100 kg) 3 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Aħm | Abj |
| Żona tad-dielja, total (qed tipproduċi/għadha ma bdietx tipproduċi) | Total | | | | | |
| Żona tad-dielja li qed tipproduċi mħawla b' | varjetajiet ta' għeneb tal-inbid | | | | (b) | (b) |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'DOP | | | | (b) | (b) |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'IĠP | | | | (b) | (b) |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed mingħajr DOP jew IĠP | | | | (b) | (b) |
| | - li jinkludu "għeneb għal użu doppju" | | | | (b) | (b) |
| | għeneb imnixxef | | | | (b) | (b) |
| | Total | | | | (b) | (b) |
| Dwieli li għadhom ma bdewx jipproduċu, imħawla b'... | għeneb tal-inbid (inkluż "għeneb għal użu doppju") | | | | - | - |
| | - li jinkludi dak adattat għall-produzzjoni ta' nbejjed b'DOP | | | | - | - |
| | - li jinkludi dak adattat għall-produzzjoni ta' nbejjed b'IĠP | | | | - | - |
| | - li jinkludi dak adattat għall-produzzjoni ta' nbejjed mingħajr DOP jew IĠP | | | | - | - |
| | - li jinkludi "għeneb għal użu doppju" | | | | - | - |
| | għeneb imnixxef | | | | - | - |
| | Total | | | | - | - |
| Dwieli (qed jipproduċu/għadhom ma bdewx jipproduċu) maħsuba biex jipproduċu... | materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli | | | | - | - |
| | dwieli oħra mhux ikklassifikati x'imkien ieħor (mkb) | | | | - | - |

(a) Stati Membri kkonċernati: BG, CZ, DE, IT, EL, ES, FR, HU, AT, PT, RO, SI u SK.
(b) Fakultattiv

Tabella 1.3: Dejta skont it-tip ta' produzzjoni skont ir-reġjun ta' produzzjoni (PDO (a), PGI (a), żoni oħra) (b)

| Varjabbli/Karatteristiċi | | Nru tal-azj. | Nru tal-ħab. | Żona (ha) | Produzzjoni (hl jew 100 kg) 3 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Aħm | Abj |
| Żona tad-dielja, total (qed tipproduċi/għadha ma bdietx tipproduċi) | Total | | | | | |
| Żona tad-dielja li qed tipproduċi mħawla bi | varjetajiet ta' għeneb tal-inbid | | | | (c) | (c) |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'DOP | | | | (c) | (c) |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'IĠP | | | | (c) | (c) |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed mingħajr DOP jew IĠP | | | | (c) | (c) |
| | - li jinkludu "għeneb għal użu doppju" | | | | (c) | (c) |
| | għeneb imnixxef | | | | (c) | (c) |
| | Total | | | | (c) | (c) |
| Dwieli li għadhom ma bdewx jipproduċu, imħawla bi... | għeneb tal-inbid (inkluż "għeneb għal użu doppju") | | | | - | - |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'DOP | | | | - | - |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed b'IĠP | | | | - | - |
| | - li jinkludu dawk adattati għall-produzzjoni ta' nbejjed mingħajr DOP jew IĠP | | | | - | - |

| Varjabbli/Karatteristiċi | | Nru tal-azj. | Nru tal-ħab. | Żona (ha) | Produzzjoni (hl jew 100 kg) 3 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Aħm | Abj |
| | - li jinkludu "għeneb għal użu doppju" | | | | - | - |
| | għeneb imnixxef | | | | - | - |
| | Total | | | | - | - |
| Dwieli (qed jipproduċu/għadhom ma bdewx jipproduċu) maħsuba biex jipproduċu... | materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli | | | | - | - |
| | dwieli oħra mhux ikklassifikati x'imkien ieħor (mkb) | | | | - | - |

(a) Id-dejta skont ir-reġjun ta' produzzjoni trid tkun prodotta għal kull "denominazzjoni ta' oriġini jew indikazzjoni ġeografika" kif imsemmi fil-Parti II, Titolu II, Kapitolu I, Sezzjoni I a, Subsezzjoni I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(b) Stati Membri kkonċernati: BG, CZ, DE, IT, EL, ES, FR, HU, AT, PT, RO, SI u SK.

(c) Fakultattiv

**Tabella 2: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassi ta' daqs skont l-Istati Membri**

Tabella 2.1: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, vinja totali

| Klassijiet ta' daqs ta' (ha) | Nru tal-azj. | Nru tal-ħab. | Żona (ha) | Prod. (hl jew 100 kg) |
|---|---|---|---|---|
| < 0.10 * | | | | |
| 0.10 - < 0.50 | | | | |
| 0.50 - < 1 | | | | |
| 1 - < 3 | | | | |
| 3 - < 5 | | | | |
| 5 - < 10 | | | | |
| > 10 | | | | |

* Għall-pajjiż(i) kkonċernat(i) biss.

Tabella 2.2: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, dwieli għall-għeneb tal-inbid - Total

Dejta bl-istess analiżi bħal fit-Tabella 2.1.

Tabella 2.2.1: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, dwieli għall-għeneb tal-inbid adattati għall-produzzjoni tal-inbid b'DOP

Dejta bl-istess analiżi bħal fit-Tabella 2.1.

Tabella 2.2.2: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, dwieli għall-għeneb tal-inbid adattati għall-produzzjoni tal-inbejjed b'IĠP

Dejta bl-istess analiżi bħal fit-Tabella 2.1.

Tabella 2.2.3: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, dwieli għall-għeneb tal-inbid ta' "użu doppju"

Dejta bl-istess analiżi bħal fit-Tabella 2.1.

Tabella 2.2.4: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, dwieli għall-għeneb maħsuba biex jipproduċu nbejjed mingħajr DOP u/jew IĠP

Dejta bl-istess analiżi bħal fit-Tabella 2.1.

Tabella 2.3: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, dwieli għall-għeneb li jrid jitnixxef

Dejta bl-istess analiżi bħal fit-Tabella 2.1.

Tabella 2.4: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-klassijiet ta' daqs taż-żona totali tad-dwieli, dwieli mkb.

Dejta bl-istess analiżi bħal fit-Tabella 2.1.

**Tabella 3: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-grad ta' speċjalizzazzjoni u l-klassijiet ta' daqs**

Klassijiet ta' daqs (f'kolonna): ara l-linji tat-Tabella 2 (< 0.1 ha / 0.10 - < 0.50 ha / etc.).

Tabella 3.1: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-grad ta' speċjalizzazzjoni u l-klassijiet ta' daqs skont NUTS 1/NUTS 2 (li jridu jiġu definiti mill-Istat Membru)

| Grad ta' speċjalizzazzjoni | < 0.10 ha4 | | | … | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Prod. (hl jew 100 kg) | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Prod. (hl jew 100 kg) |
| Azjendi bid-dwieli | | | | | | |
| Azjendi li jkollhom żoni tad-dwieli maħsuba esklussivament għall-produzzjoni tal-inbid | | | | | | |
| •li jinkludu azjendi li jkollhom żoni tad-dwieli maħsuba esklussivament għall-produzzjoni ta' nbid b'DOP u/jew IĠP | | | | | | |
| - li minnhom huma PDO biss | | | | | | |
| - li minnhom huma IĠP biss | | | | | | |
| - li minnhom huma DOP u IĠP | | | | | | |
| •li jinkludu azjendi li jkollhom żoni tad-dwieli maħsuba esklussivament għall-produzzjoni ta' nbid mingħajr DOP u/jew IĠP | | | | | | |
| •li jinkludu azjendi li jkollhom żoni tad-dwieli maħsuba għall-produzzjoni ta' diversi tipi ta' nbejjed | | | | | | |
| Azjendi li jkollhom żoni tad-dwieli maħsuba esklussivament għall-produzzjoni tal-għeneb imnixxfa | | | | | | |
| Azjendi li jkollhom żoni oħra bid-dwieli | | | | | | |
| Azjendi li jkollhom żoni tad-dwieli maħsuba għal diversi tipi ta' produzzjoni | | | | | | |

Tabella 3.2: Azjendi li jipproduċu l-inbid skont il-grad ta' speċjalizzazzjoni u l-klassijiet ta' daqs skont ir-reġjuni ta' produzzjoni (DOP, IĠP, żoni oħra li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri)

| Grad ta' speċjalizzazzjoni | < 0.10 ha 4 | | | … | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Prod. (hl jew 100 kg) | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Prod. (hl jew 100 kg) |
| Bħal fit-tabella 3.1 | | | | | | |

**Tabella 4: Varjetajiet ta' dwieli ewlenin**

Il-varjetajiet li jridu jiġu identifikati fit-tabelli huma dawk inklużi fil-lista tal-varjetajiet ewlenin u taż-żoni korrispondenti kkomunikati skont ir-Regolament (KE) Nru 555/2008[14] (Anness XIII, Tabella 16).

Klassijiet ta' età li jridu jintużaw:

< 3 snin

3 – 9 snin

10 – 29 sena

> 30 sena

Tabella 4.1: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid skont il-klassi tal-età skont NUTS 2

[14] ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1.

Tabella 4.1.01: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid skont il-klassi tal-età għal "NUTS X*"

| Varjetà tad-dielja | < 3 snin | | … | |
|---|---|---|---|---|
| | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Nru tal-azj. | Żona (ha) |
| Azjendi bid-dwieli | | | | |
| 1. li jinkludu varjetajiet ħomor, total | | | | |
| 1.1. li jinkludu varjetà 1 | | | | |
| 1.2. li jinkludu varjetà 2 | | | | |
| 1.3. li jinkludu varjetà... | | | | |
| … | | | | |
| 1.N. li jinkludu varjetajiet imħallta ħomor oħra | | | | |
| 2. li jinkludu varjetajiet bojod, total | | | | |
| 2.1. li jinkludu varjetà 1 | | | | |
| 2.2. li jinkludu varjetà 2 | | | | |
| 2.3. li jinkludu varjetà... | | | | |
| ... | | | | |
| 2.N. li jinkludu varjetajiet imħallta bojod oħra | | | | |
| 3. li jinkludu varjetajiet ta' kuluri differenti, total | | | | |
| 3.1. li jinkludu varjetà 1 | | | | |
| 3.2. li jinkludu varjetà 2 | | | | |
| 3.3. li jinkludu varjetà... | | | | |
| … | | | | |
| 3.N. li jinkludu varjetajiet imħallta oħra ta' kuluri mħallta oħra | | | | |
| 4. li jinkludu varjetajiet mingħajr kulur speċifikat | | | | |

* X li għalih jikkorrispondi wieħed min-NUTS 2 eżistenti fil-pajjiż b'żona ta' vinji 'l fuq mil-limitu stabbilit (Tabella 4.1.01, 4.1.02, eċċ.)

Tabella 4.2: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid skont ir-reġjun ta' produzzjoni (DOP)

Tabella 4.2.01: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid għal "PDO X*"

| Varjetà tad-dielja | < 3 snin | | … | |
|---|---|---|---|---|
| | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Nru tal-azj. | Żona (ha) |
| Bħal fit-Tabella 4.1 | | | | |

* X li għalih tikkorrispondi waħda mid-DOP eżistenti fil-pajjiż b'żona ta' vinji 'l fuq mil-limitu stabbilit (Tabella 4.2.01, 4.2.02, eċċ.)

Tabella 4.3: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid skont ir-reġjun ta' produzzjoni (DOP)

Tabella 4.3.01: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid għal "PGI X*"

| Varjetà tad-dielja | < 3 snin | | … | |
|---|---|---|---|---|
| | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Nru tal-azj. | Żona (ha) |
| Bħal fit-Tabella 4.1 | | | | |

* X li għalih tikkorrispondi waħda mill-IĠP eżistenti fil-pajjiż b'żona ta' vinji 'l fuq mil-limitu stabbilit (Tabella 4.3.01, 4.3.02, eċċ.)

Tabella 4.4: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid skont ir-reġjun ta' produzzjoni (żoni oħra)

Tabella 4.4.01: Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid għal "żona oħra X*"

| Varjetà tad-dielja | < 3 snin | | … | |
|---|---|---|---|---|
| | Nru tal-azj. | Żona (ha) | Nru tal-azj. | Żona (ha) |
| Bħal fit-Tabella 4.1 | | | | |

* X li għalih tikkorrispondi waħda miż-żoni l-oħra eżistenti fil-pajjiż b'żona ta' vinji 'l fuq mil-limitu stabbilit (Tabella 4.4.01, 4.4.02, eċċ.)

**Limiti stabbiliti**

L-analiżi tad-dejta għandha tiġi pprovduta biss meta l-erja totali fiċ-ċellula jew li tikkorrispondi għall-erja ta' vinji marbuta mad-dejta fiċ-ċellula tkun mill-inqas ta' 500 ettaru.